Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 454/2015

Il-Pulizja

Spettur Jurgen Vella

Vs

Jeffrey Camilleri

Illum 25 ta' Frar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Jeffrey Camilleri, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 355689M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi, skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fid-29 ta' Settembru 2013 gewwa l-Kingfisher Restaurant li jinstab fi Triq Congreve Zurrieq, jew hu jew impjegati tieghu, jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, naqas li jaghti jew jipproduci ricevuta/i fiskali permezz ta' cash register fiskali jew kotba ta' ricevuti fiskali manwali kif approvati mill-Kummissarju, li jikkonformaw mal-htigijiet

specifikati fil-partita 13 tat-Tlettax –il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond il-kumpens lilu imhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3, u 10 ta' l-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 81 u 82 ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-7 ta' Ottubru, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 51, 77(a)(e) u 82 u l-partiti 1, 2, 3, u 10 tat-Tlettax il-Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sbet lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' disa' mitt ewro.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jeffrey Camilleri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Ottubru, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka u thassar s-sentenza appellata u filwaqt li ssib lill-esponent mhux hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu, tilliberah minn kull htija u piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Jeffrey Camilleri huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-ligi ma tirrikjedix lill-persuna li tkun qed tiggestixxi negozju, f'dan il-kaz restaurant, u li tkun registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi taht l-Att tal-1998 dwar taxxa fuq il-Valur Mizjud, li tkun prezenti il-hin kollu fir-restaurant taghha u aktar li ma tillargax minn hemm anke jekk ghandha mpjegati jahdmu maghha u li jkunu gew istruwiti b'mod tajjeb kif ghanhdom jagixxu fil-konfront tat-taxxa fuq il-valur mizjud.

2. Illi f'dan il-kaz l-esponent kellu impjegata mieghu lill-Yvonne Kogelman li kienet impjegata mieghu u li kienet giet istruwita b'mod tajjeb biex meta jinghata servizz fir-restaurant u jsir hlas ghalih ridet tinghata r-ricevuta fiskali kif approvata mill-Kummissarju tat-Taxxi. Illi minbarra milli fl-interess tal-erarju dan kien ukoll fl-interess tal-esponent stess biex b'hekk ikun jaf li mhux qed jigi misruq mill-impjegati tieghu.
3. Illi dakinhar u f'dak mil-hin tal-ispezzjoni in kwistjoni l-espoenent htieglu jillarga biex imur jara lill-ommu fiz-Zurrieq ghax kienet marida. X'kellu jaghmel aktar u x'seta jaghmel aktar l-espoenent biex fl-assenza tieghu l-ligi ma tigix miksura minn impjegat tieghu?
4. Huwa veru l-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta hu fih innifsu wiehed ta' natura drakonjana. Izda r-reati hemmhekk imsemmija m'humiex ta' vicarious liability ghax l-istess ligi, u dan kif gie ritenut ukoll minn din l-Onorabbli Qorti diversi drabi, bhal per ezempju fil-kawza il-Pulizija vs Gaetano Abdilla deciza fit-28 ta' Lilju, 2003, jekk l-akkuzat jipprova lill-Qorti almenu fuq bazi ta' probabilita' illi huwa uza u ezercita' id-diligenza kollha xieraq biex jigi evitat ir-reat maghmul minn impjegat tieghu jew minn persuna li tkun qed tagixxi ghalih allura hu ma jkollux htija ghall dak li jkun ghamel dak l-impjegat jew persuna li tkun qed tagixxi ghalih.
5. Illi f'dan il-kaz ir-ricevuta nharget. Izda l-esponent ma giex mgharraf b'dak li kien gara mid-Dipartiment. Allura jsegwi li l-esponent sar jaf x'gara biss meta rcieva c-citazzjoni biex jidher fil-Qorti u meta sema x-xhieda tal-ispettur tal-VAT.
6. Illi mill-argumentazzjoni tal-Ewwel Qorti wiehed jasal ghal konkluzjoni li skond l-istess Qorti wiehed li jiggestixxi negozju ghandu jkun prezenti l-hin kollu f'dak in-negozju u li allura jfisser li jekk hu ma jistax ikun prezenti ghandu jaghlaq. Ghax filwaqt li argumentat li, "Mhux bizzejjed li jghid li hu kien qal lill-impjegati biex johorgu r-ricevuti minghajr ma jiehu xi inizjattiva kawlunkwe biex jassigura ruhu jekk l-impjegati qeghdin jaghmlu hekk jew le', din ma tat l-ebda ezempju ta' xi 'inizjattiva

kwalunkwe' seta' jiehu l-esponent u dan fic-cirkostanzi li fil-fatt ricevuta fiskali kienet inharge u d-Dipartiment tal-VAT zamm l-incident mistur mill-esponent. Oltre dan, f'din l-argumentazzjoni, l-Ewwel Qorti ma qalitx li dak li l-akkuzat ried jipprova kien ikun bizzejjed ghalih jekk dan ghamlu sal grad tal-probabilita'.

7. Illi oltre dan, f'dan il-kaz, minhabba fir-relattiva tardezza li biha inhargu l-akkuzi kontra l-esponent u kontra Yvone Kogelman, l-esponent gie pprivat milli jibged bhala xhud in difesa tieghu lill Yvonne Kogelman u dan biex ikun jista' ikompli jipprova li hu kien uza u ezercita d-diligenza kollha xieraq biex jigi evitat l-allegat reat kommess mill-impjegata tieghu.
8. Illi ghalkemm il-ligi, f'kaz li jigi ppruvat mill-Prosekuzzjoni li jkun sehh il-fatt pprojbit mil-ligi, tobbliga lill-akkuzat biex jipprova illi huwa uza w ezercita' d-diligenza kollha xieraq biex jigi evitatat ir-reat maghmul minn impjegat tieghu jew minn persuna li tkun qed tagixxi ghalih, u dan fuq bazi ta' probabilita', peress li dan ir-reat hu delitt, xorta wahda, biex tkun tista' tinstab htija, il-Prosekuzzjoni hi tenuta tipprova minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni l-hitja tal-akkuzat, u cioe' l-kommissjoni da parti tieghu tal-actus reaus li kien akkumpanjat mill-mens reak kif tipprovdi l-ligi.
9. Illi f'dan il-kaz, anke bid-diffikultajiet kollha mahluqa lilu mid-Dipartiment u mill-Prosekuzzjoni, l-esponent xorta wahda pprova, almenu fuq il-bazi ta' probabilita', li illi huwa uza u ezercita d-diligenza kollha xierqa biex jigi evitata l-allegat reat addebitat lill-impjegata tieghu u harget scotch-free.

Semghet ix-xhieda kollha fl-udjenza tat-02 ta' Dicembru 2015

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi ma hemmx dubju f' dan il-kaz illi l-persuna irregistrata ai fini ta' taxxa fuq il-valur mizjud ghar-restaurant bl-isem Kingfisher gewwa iz-Zurrieq huwa l-appellanti. Dan mhux kontestat. Jirrizulta izda illi fil-jum indikat fl-akkuza, l-appellanti ma kienx prezenti fir-restaurant gestit minnu u halla t-tmexxija tieghu f'idejn terzi fosthom f'idejn certu Yvonne Kogelman, ta' nazzjonalita barranija, li kienet anke tiehu hsieb tohrog il-kontijiet u tircevi il-hlasijiet minn ghand il-klijenti. Illi mill-ispezzjoni maghmula mill-ispetturi Lara Ann Agius u Jonathan Fenech gie osservat illi din Kogelman, wara li accettat l-hlas minn ghand klijent u anke issomministrat il-bqija ma harrgitx ricevuta fiskali u din inharrget biss fuq insistenza ta'l-ispetturi fejn dina Kogelman ghaddiet dina r-ricevuta imbaghad lill-klijent u mhux lill-ispetturi ghalkemm dawn insistew maghha li din kellha tigi mghoddija lilhom. L-appellanti ma kien jaf b'xejn dwar dan l-akkadut u jidher li baqa' injar ta' dak kollu li kien sehh sa meta huwa imbaghad irceva it-tahrika tal-Qorti madwar sena wara. Nel fattemp jidher li din Kogelman ma baqghetx tahdem mal-appellanti fir-restaurant gestit minnu u jidher li sahansitra telqghet minn Malta ghaliex la setghet tigi rintraccjata mill-pulizija sabiex twiegeb ghal dina l-akkuza, u lanqas mill-appellanti stess li xtaq ikun jaf direttament minn ghandha x'kien sehh fil-jum mertu tal-kaz.

L-impunjattiva imressqa mill-appellanti ghad-decizjoni appellata allura hija essenzjalment illi fil-kaz tieghu kellu japplika l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 82 tal-Kap. 406. Dana s-subartikolu jipprovdi hekk:

*Meta xi haga ssir jew tonqos milli ssir minn impjegat fittwettieq ta' l-impieg tieghu, jew minn persuna li tkun qed tagixxi ghan-nom ta' dik il-persuna registrata, sew jekk dik il-persuna l-ohra tkun impjegata sew jekk ma tkunx, ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima bhallikieku dik il-haga tkun saret jew naqset milli ssir sew minn dak l-impjegat jew persuna ohra innfisha kif ukoll mill-principal taghhom jew persuna registrata:* ***izda dak ilprincipal jew persuna registrata ma jkunx hati ta'***

***reat taht dan is-subartikolu jekk igib prova li ma kienx jaf u li ma setax b'diligenza ragonevoli jkun jaf b'dak lghemil jew nuqqas u li huwa ghamel kull ma seta' jaghmel sabiex izomm milli jsir dak l-ghemil jew nuqqas***. (enfazi tal-Qorti).

L-appellanti minn naha tieghu ghalhekk jishaq illi huwa dejjem ta struzzjonijiet lill-impjegati tieghu sabiex johorgu ricevuta fiskali u gjaldarba il-ligi ma tirrikjediex il-presenza kontinwa tieghu fil-post tan-negozju, u gjaldarba huwa kien ghadda struzzjonijiet cari lill-impjegati tieghu dwar kif kellu jigi amministrat in-negozju, inkluz alluar il-hrug tar-ricevuti fiskali, ma kellux jahti ghal dan in-nuqqas ta'l-impjegata tieghu. Isostni illi kien maggjorment fl-interess tieghu illi huwa jinsisti mal-impjegati fuq il-hrug tar-ricevuti fiskali ghaliex b'hekk kien ikollu rendikont tal-bejgh li ikun sar fl-assenza tieghu.

Illi ghalkemm fir-rikors ta'l-appell l-appellanti ighid illi huwa kellu jillarga mir-restaurant dak in-nhar minhabba ragunijiet ta' mard fil-familja, madanakollu meta imbaghad offra ix-xhieda tieghu kemm quddiem din il-Qorti, kif ukoll fix-xhieda tieghu quddiem l-Ewwel Qorti, huwa stqarr illi f'dak iz-zmien huwa ma tantx kien ikun prezenti fil-hanut. Dan il-fatt johrog car anke mill-*prime note* maghmula mill-Ewwel Qorti fuq il-kumparixxi meta xehed l-appellant in kontro-ezami, u allura jidher illi din ma kenitx okkazzjoni ta' darba wahda fejn hu kellu jillarga minhabba xi emergenza, izda kienet prassi illi ihalli il-gestjoni tan-negozju tieghu f'idejn terzi persuni anke nies ta' nazzjonalita barranija li jidher illi anke tilef kuntatt maghhom. Kien ghalhekk illi l-Ewwel Qorti allura dehrilha illi l-appellanti kellu juza diligenza akbar fil-gestjoni tan-negozju tieghu u mhux ihalli f'idejn terzi minghajr ebda kont ta' dak li kien qed jigri fl-assenza tieghu tant illi lanqas biss gie infurmat minn dawn it-terzi, li skont dak li jistqarr hu stess kien jaghtihom tant struzzjonijiet cari, illi kien ser jiffaccja akkuza kriminali minhabba nuqqas ta' hrug ta' ricevuta. Kellu ikun biss meta irceva t-tahrika mill-Qorti illi irrealizza dak li kien sehh meta imbaghad kien tard wisq ghalih biex

jaghmel il-verifiki tieghu ghaliex kien tilef kull kuntatt mal-impjegata involuta fil-kaz! Dan certament jirrifletti agir traskurat u ta' nuqqas ta' kont u diligenza li trid il-ligi, ghaliex fid-dawl tal-fatt illi huwa ma kienx qed ikun prezenti fil-post tan-negozju proprjeta tieghu, kienet x'kienet ir-raguni, allura kien fid-dmir illi juza attenzjoni akbar sabiex jivverifika dak li kien qed jigri fl-assenza tieghu.

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-appell kriminali "Il-Pulizija vs. Emmanuel Scerri" [30.3.2000] "*meta xi haga ssir jew tonqos milli ssir ...minn persuna li tkun qed tagixxi ghan-nom ta' persuna registrata,, ghandu jitqies bhallikieku dik il-haga tkun saret jew naqset milli ssir sew minn dik il-persuna l-ohra kif ukoll mill-persuna registrata . Il-persuna registrata, pero', tista tezimi ruha minn din ir-responsabilta' vikarja JEKK TIPPROVA , IMQAR FUQ BAZI TA' PROBABILTA' (emfasi ta' din il-Qorti) jew (a) li ma kienetx taf u li ma setghetx b'diligenza ragonevoli tkun taf b'dak l-eghmil jew nuqqas jew (b) li tkun ghamlet kull ma setghet taghmel biex izzomm milli jsir dak l-eghmil jew nuqqas*" . Mela l-persuna registrata trid tkun hi li tipprova dawn ic-cirkostanzi w dana almenu fuq bazi ta' probabbilita' - li hu l-kriterju tal-grad tal-prova impost fuq l-akkuzat fil-kamp penali , fejn hu tenut li jipprova xi haga . Izda ma hux bizzejjed biex wiehed jezimi ruhhu mir-responsabbilta` vikarja taht l-Artikolu 82(2) li semplicement jghid li hu ta struzzjonijiet lill-impjegati tieghu.(Il-pulizija vs Vincent Mifsud; App. Krim-deciza 06/06/2003).

Affermati dawn il-principji gurisprudenzjali u fattwali l-qorti tsitqarr illi ma tinsabx konvinta illi l-appellanti irnexxielu jilhaq il-grad ta' prova rikjesta minnu. Dan ghaliex l-affermazzjoni tieghu li ghadda l-istruzzjonijiet mehtiega lill-impjegata tieghu mhijiex sufficjenti, meta jidher illi huwa lanqas ma kien jaghmel verifiki dwar dak li kien ikun qed isehh fl-assenza tieghu, li *ex admissis* tidher li kienet in-norma f'dak iz-zmien. Certament allura illi l-appellanti ma irnexxielux jipprova illi huwa bhala persuna irregistrata ai finijiet tat-taxxa fuq il-valur mizjud, ezegwixxa b'diligenza l-oneri kollha fiskali imposti fuqu bil-ligi tant illi

ghalhekk jista′ jezimi ruhu mir-responsabbilta vikarja li l-ligi tixhet fuq spallejh f′dan il-kaz fejn in-nuqqas ikun gie kommess minn terza persuna.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

Edwina Grima
Imhallef